TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 108/11

**Roberta Caruana**

**vs**

**Christian Spiteri**

Illum 9 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf, mija u tmienja w għoxrin ewro, w erbgħa u tmenin ċenteżmi (€1,128.84), rappreżentanti diversi nuqqasijiet fil-vettura li xtrat *second hand* mingħand l-intimat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat vettura *second hand* mingħand l-intimat u mall-ewwel ilmentat fuq diversi nuqqasijiet, fosthom il-*gearbox*, il-*clutch* u s-sadid, u l-intimat offra li jsewwi.

L-intimat da parte tiegħu ssottometta li din kienet karozza ta' ħmistax-il sena u żgur li kien hemm diversi nuqqasijiet li kellhom jinbiddlu u li ma kinitx karozza ġdida, u li allura d-difetti kollha li bdiet tilmenta dwarhom ir-rikorrenti mhumiex ġustifikati, aktar u aktar għall-fatt illi dawna saru fuq diversi snin.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, rigward il-preskrizzjoni jiċħad it-talba stante li l-intimat kien aċċetta li jsewwi. Illi mill-irċevuti li ġew prodotti jidher illi l-affarijiet saru fuq diversi xhur jekk mhux snin u li għalhekk mhux aċċettabli li jiġu rifużi kollha dawn l-allegat ħsarat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' biss it-talba tar-rikorrenti, għar-rigward il-bdil tal-*clutch* li jammonta għal erba' mija u tmienja u sittin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€468.34), u t-tneħħija tas-sadid u tal-*panel beater* li jammonta għal tliet mija u ħamsin ewro (€350), ammontanti għal tmien mija u tmintax-il ewro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€818.34).

Għaldaqstant it-Tribunal, qed jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' tmien mija u tmintax-il ewro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€818.34), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**